

Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (Seduta Plenarja) tas-16 ta' Mejju 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea

(Opinjoni 2/15)⁽¹⁾

[*Opinjoni mogħtija bis-saħħha tal-Artikolu 218(11) TFUE — Ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapor — Ftehim "ġenerazzjoni l-ġidida" innegozjat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattati UE u FUE — Kompetenza sabiex jiġi konkluż il-ftehim — Artikolu 3(1)(e) TFUE — Politika kummerċjali komuni — Artikolu 207(1) TFUE — Kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi — Investiment barrani dirett — Kuntratti pubbliċi — Aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali — Kompetizzjoni — Kummerċ mal-Istati terzi u żvilupp sostenibbli — Protezzjoni soċċjali tal-ħaddiema — Protezzjoni tal-ambjent — Artikolu 207(5) TFUE — Servizzi fil-qasam tat-trasport — Artikolu 3(2) TFUE — Ftehim internazzjonali li jista' jaftettwa regoli komuni jew ibiddel il-portata tagħhom — Regoli ta' dritt idderivat tal-Unjoni fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fil-qasam tat-trasport — Investiment barrani li ma huwiex dirett — Artikolu 216 TFUE — Ftehim meħtieġ sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet tat-Trattati — Moviment ħieles tal-kapital u tal-pagamenti bejn Stati Membri u Stati terzi — Suċċessjoni ta' trattati fil-qasam tal-investiment — Sostituzzjoni ta' ftehimiet ta' investiment bejn Stati Membri u r-Repubblika ta' Singapor — Dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-ftehim — Riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati — Riżoluzzjoni ta' tilwim bejn il-partijiet]*

(2017/C 239/03)

Lingwa tal-proċedura: il-lingwi uffiċjali kollha

Rikorrenti

Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: U. Wölker, B. De Meester, R. Vidal-Puig u M. Kocjan, aġenti)

Opinjoni

Il-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapor jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, minbarra d-dispożizzjonijiet li ġejjin, li jaqgħu taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri:

- *id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima A (Protezzjoni tal-Investiment) tal-Kapitolu Disgħa (Investiment) ta' dan il-ftehim, sa fejn huma relatati mal-investiment bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Singapor li ma huwiex dirett;*
- *id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima B (Soluzzjoni tat-tilwim bejn l-Istat u l-Investitur) ta' dan il-Kapitolu Disgħa, u*
- *id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I (Għanijiet u Definizzjonijiet Ġeneral), tal-Kapitolu Erbatax (Trasparenza), tal-Kapitolu Hmistar (Soluzzjoni ta' tilwimiet bejn il-Partijiet), tal-Kapitolu Sittax (Mekkaniżmu ta' Medjazzjoni) u tal-Kapitolu Sbatax (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali, Ġenerali u Finali) tal-imsemmi ftehim, sa fejn huma relatati mad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu Disgħa u sa fejn dawn tal-aħħar jaqgħu taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri.*

⁽¹⁾ ĠU C 363, 3.11.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tas-17 ta' Mejju 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Grondwettelijk Hof – Il-Belġju) – X vs Ministerraad

(Kawża C-68/15)⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Libertà ta' stabbiliment — Direttiva dwar kumpanniji omm u sussidjarji — Leġiżlazzjoni fiskali — Taxxa fuq id-dħul tal-kumpanniji — Tqassim ta' dividendi — Taxxa fras il-għajn — Taxxa doppja — Fairness Tax)

(2017/C 239/04)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Grondwettelijk Hof